28 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Pawlina Zammit pr. et ne. versus Gerald Zammit**

## Alimenti — Ġudikat — "Bis in Idem" — Mara.

*Għalkemm il-"bis in idem" mhux waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li l-Qorti tista' tissolleva "ex officio", il-Qorti, però, għandha d-dmir li teżamina jekk hemmx jew le ġudikat fil-każ li dana anki bis jissemma fil-kawża; avvolja ma tkunx ġiet mogħtija formalment l-eċċezzjoni relattiva.*

*Huwa veru li sentenza alimentari tista' tiġi varjata minħabba tibdil fil-mezzi ta' l-alimentant jew fil-bżonnijiet ta' l-alimentand; imma, sakemm ma jiġix konstatat dan it-tibdil per mezz ta' sentenza oħra, ir-rata alimentarja ġà stabbilita għandha tibqa' inalterata.*

*Għaldaqstant, il-mara li tkun otteniet b'sentenza l-kundanna tar-raġel biex iħallasha pensjoni alimentarja, ma tistax wara titlob pensjoni alimentarja "sic et simpliciter", imma tista' titlob biss it-tibdil tar-rata tal-pensjoni alimentarja. U dan minħabba l-ġudikat pre-eżistenti*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta l-imsemmija Pauline mart Gerard Zammit, għan-nom tagħha u bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha minuri Ronald u Rose aħwa Zamit, fejn tal-

bet li l-imsemmi Gerald Zamit jiġi kundannat iħallas retta alimentarja għaliha u għal-minuri uliedha

Rat ix-xhieda tar-rikorrenti quddiem l-Avukat tal-Fqar (fol. 8), mnejn jirriżulta li b'sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1951 hija qalet li kienet rebħet lil żewġha £1. 18. 6 fil-ġimgħa bħala alimenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, għalkemm il-"bis in idem" mhix waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li l-Qorti tista' tissolleva "ex ufficio", il-Qorti però għandha d-dmir li *teżamina jekk hemmx jew le ġudikat* fil-każ li dana anki biss jissemma fil-kawża, anki jekk ma tiġix mogħtija formalment l-eċċezzjoni relativa (Kollez. XXIX-II-1120);

Illi mix-xhieda ta' l-attriċi fol. 8 jirriżulta li fil-15 ta' Diċembru 1951, il-konvenut ġie minn dina l-Qorti kundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja. Il-Qorti eżaminat l-atti ta' dik il-kawża, mnejn jidher li l-attriċi, fl-interess tagħha u ta' l-imsemmija żewġ uliedha, ġiet awtorizzata *teżegwixxi* sentenza oħra alimentari mogħtija mill-istess Qorti fil-21 ta' Ġunju 1943, li kienet ikkundannat lill-konvenut jgħaddi lill-imsemmija wliedu pensjoni ta' 3s. 6d. fil-ġimgħa, u dana peress li, kif irriżulta f'dik il-kawża, l-attriċi ġa kellha favur tagħha pensjoni ta' 14s. fil-ġimgħa minn żewġha in forza ta' sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fl-10 ta' Mejju 1943;

Illi huwa veru li s-sentenzi alimentari jistgħu jiġu varjati minħabba t-tibdil tal-mezzi fl-alimentant jew tal-bżonnijiet fl-alimentand; iżda sakemm ma jiġix konstatat dan it-tibdil per mezz ta' sentenza oħra, ir-rata alimentari ġa stabbilita għandha tibqa' inalterata;

Illi l-attriċi proprio et nomine f'dina l-kawża qiegħda titlob, mhux it-tibdil fil-pensjoni alimentari, iżda pensjoni alimentari "sic et simpliciter" — ħaġa din li ma tistax tagħmel minħabba l-ġudikat pre-eżistenti;

Illi, kif huwa propost il-ġudizzju, ma jistax ikun applikat l-art. 4 tal-Kap. 76 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara li għad-domanda ta' l-attriċi hija ostativa r-"res judicata" kif fuq, u konsegwentement tirrespinġi l-istess domanda; bl-ispejjeż.